Nru. 18,137
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 19 ta' Ottubru, 2007
Friday, 19th October, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 914

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. XXIII ta' l-2007 imsejjaħ l-Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

Nru. 915

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 106 imsejjaħ "Att ta' l-2008 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi".

Id-19 ta' Ottubru, 2007

Nru. 916

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ħamis, it-18 ta' Ottubru, 2007, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-18 ta' Ottubru, 2007
(OPM 31/2007/II)

GOVERNMENT NOTICES

No. 914

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. XXIII of 2007 entitled the Malta Enterprise Corporation (Amendment) Act, 2007.

19th October, 2007

No. 915

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 106 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2008.

19th October, 2007

No. 916

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister and Minister of Finance with effect from Thursday, 18th October, 2007, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

18th October, 2007

Nru. 917

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-15 sad-19 ta' Ottubru 2007, iż-żewġ dati inklużi.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 917

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 15th to the 19th October, 2007, both days inclusive.

19th October, 2007

Nru. 918

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Joseph David Camilleri, LL.D., biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn l-24 u s-27 ta' Ottubru, 2007, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef.

It-12 ta' Ottubru, 2007
MJ/207/89/VII

No. 918

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that in virtue of the powers conferred by Article 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Joseph David Camilleri, LL.D., to perform the functions of Acting Chief Justice between the 24th and 27th October, 2007, during the absence of His Honour the Chief Justice.

12th October, 2007

Nru. 919

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

No. 919

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Article 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN *MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS*		
Mr Joseph Mizzi, D.P.A.	Direttur (Ċittadinanza u ta' l-*Expatriates)* *Director (Citizenship and Expatriate Affairs)*	22.09.2007
MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI *MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY*		
Taqsima tas-Sigurtà Soċjali *Social Security Division* Dr Maria Xiriha, B.A., LL.D.	Direttur (Żvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali) *Director (Strategic Development and International Relations)*	18.09.2007

Id-19 ta' Ottubru, 2007

19th October, 2007

Nru. 920

ĦATRA TA' AĠENT KAP TAL-PAYING AGENCY FIL-MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U TA' L-AMBJENT

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joseph Caruana	Kap *Head*	*Paying Agency MRAE*	From 8.10.2007

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 920

APPOINTMENT OF ACTING HEAD OF THE PAYING AGENCY WITHIN THE MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

19th October, 2007

Nru. 921

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Frank Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	18 - 19.10.2007

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 921

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for the Family and Social Solidarity has approved the following acting appointment:–

19th October, 2007

Nru. 922

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	22–26.10.2007

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 922

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

19th October, 2007

Nru. 923

BORD TA' VIŻITATURI GĦAL PERSUNI DETENUTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond l-Avviż Legali 266 ta' l-2007 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern li ġġib id-data tat-18 ta' Settembru 2007, il-Bord ta' Viżitaturi għal Persuni Detenuti ġie kostitwit kif ġej sa l-aħħar tas-sena b'seħħ mit-18 ta' Settembru, 2007.

Chairperson
Is-Sur Herbert Agius

Membri
Is-Sur Charles Micallef
Is-Sinjorina Marianne Agius

Segretarju
Is-Sur George Vella

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 923

BOARD OF VISITORS FOR DETAINED PERSONS

IT is hereby notified for general information that, according to Legal Notice 266 of 2007 that appeared in the Government Gazette dated 18 September 2007, the Board of Visitors for Detained Persons has been constituted as follows till the end of this year with effect from 18th September, 2007.

Chairperson
Mr Herbert Agius

Members
Mr Charles Micallef
Ms Marianne Agius

Secretary
Mr George Vella

19th October, 2007

Nru. 924

AKKADEMJA TAL-MALTI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Akkademja tal-Malti ġiet kostitwita kif ġejja għas-snin 2007 u 2009:

President
Anton Agius Muscat

Viċi President
George Farrugia

Segretarju
Olvin Vella

Teżorier
David Agius Muscat

Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi
Sergio Grech

Assistent Teżorier u Arkivista
Joseph Borg

Membri
Nikol Vassallo
Claire Zerafa
Inġ. Maurice Mifsud Bonnici
Saviour Camilleri
Clare Azzopardi

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 924

AKKADEMJA TAL-MALTI

IT is hereby notified for general information that the Akkademja tal-Malti has been constituted as follows for the years 2007 and 2009:

President
Anton Agius Muscat

Vice President
George Farrugia

Secretary
Olvin Vella

Treasurer
David Agius Muscat

Public Relations Officer
Sergio Grech

Assistant Treasurer and Archivist
Joseph Borg

Members
Nikol Vassallo
Claire Zerafa
Eng. Maurice Mifsud Bonnici
Saviour Camilleri
Clare Azzopardi

19th October, 2007

Nru. 925

DEPUTATI REĠISTRATURI FIL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 27 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għażel lil Nadya Fiott, ID 386 M, Elizabeth Mary Quintano, ID 447483 M, Michael Portelli, ID 44385 M u Jason Francis Sultana ID 503294 M, li m'għandhomx grad sostantiv, biex jaqdu d-dmirijiet ta' Deputat Reġistratur skond il-liġi.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 925

DEPUTY REGISTRARS AT THE COURTS OF JUSTICE

IN exercise of the powers vested in him by Section 27 of the Code of Organisation and Civil Procedure, Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice and Home Affairs has designated Nadya Fiott, ID 386 M, Elizabeth Mary Quintano, ID 447483 M, Michael Portelli, ID 44385 M and Jason Francis Sultana, ID 503294 M, who do not have a substantive grade, to perform the duties of Deputy Registrar according to law.

19th October, 2007

Nru. 926

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Timothy Ellis, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Daniela Borg, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-11 ta' Ottubru, 2007 sat-23 ta' Ottubru, 2007.

LORIANNE CAMILLERI
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

Is-16 ta' Ottubru, 2007

No. 926

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Timothy Ellis, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Daniela Borg, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 11th October, 2007 till the 23rd October, 2007.

LORIANNE CAMILLERI
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

16th October, 2007

Nru. 927

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
215	St Joseph Court Garages Triq Roger Debattista Ħamrun	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	12/10/2007

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Id-19 ta' Ottubru, 2007

No. 927

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
215	St Joseph Court Garages Triq Roger Debattista Ħamrun	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	12/10/2007

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

19th October, 2007

Nru. 928

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
12. 10. 07	Lm7.34,3 (€17.104)	Lm0.14,4 (€0.335)
15. 10. 07	Lm7.36,5 (€17.155)	Lm0.14,5 (€0.338)
16. 10. 07	Lm7.44,4 (€17.339)	Lm0.14,5 (€0.338)
17. 10. 07	Lm7.45,9 (€17.374)	Lm0.14,3 (€0.333)
18. 10. 07	Lm7.41,7 (€17.276)	Lm0.14,3 (€0.333)

Id-19 ta' Ottubru, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 104

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Fgura

Nhar il-Ħadd, il-21 ta' Ottubru 2007 mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Pjazza Reggie Miller.

Nhar l-Erbgħa, l-24 ta' Ottubru 2007 mis-1.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Vjal Kottoner minn HSBC plc sa Triq Bormla.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Ottubru 2007 mis-1.00 p.m. sa nofsillejl minn Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Pjazza Reggie Miller.

No. 928

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

19th October, 2007

POLICE NOTICE

No. 104

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Fgura

On Sunday, 21st October 2007 from 7.00 a.m. till 1.00 p.m. through Pjazza Reggie Miller.

On Wednesday, 24th October 2007 from 1.00 p.m. till 11.00 p.m. through Vjal Kottoner from HSBC plc to Triq Bormla.

On Saturday, 27th October 2007 from 1.00 p.m. till midnight through Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

On Sunday, 28th October 2007 from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through Pjazza Reggie Miller.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 mis-1.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq Hompesch minn Triq il-Karmnu u Triq is-Sur.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 mit-8.00 a.m. sat-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Hompesch bejn San Tumas u l-Mina ta' Hompesch u Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

On Sunday, 28th October 2007 from 8.00 a.m. till midnight through Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

On Sunday, 28th October 2007 from 1.00 p.m. till 11.00 p.m. through Triq Hompesch from Triq il-Karmnu and Triq is-Sur.

On Sunday, 28th October 2007 from 8.00 a.m. till 8.00 p.m. through the following streets: Hompesch between San Tumas and Hompesch Gate and Wesgħa Kunsill ta' l-Ewropa.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to be towed.

19th October, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 105

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru 2007 mid-9.00 p.m. sal-Ħadd it-28 ta' Ottubru 2007 fit-8.00 p.m, mid-dawra kollha tal-Belt Valletta li tikkonsisti minn Triq Marsamxett, Triq San Bastjan, Triq l-Ixprun, Triq Sant' Iiermu, Triq il-Mediterran, Xatt il-Barriera u x-Xatt ta' Lascaris.

Il-Furjana

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru 2007 mid-9.00 p.m. sal-Ħadd it-28 ta' Ottubru 2007 fit-8.00 p.m, minn Triq l-Assedju l-Kbir, it-Telgħa tal-Kurċifiss, Triq Vilhena minn Triq San Franġisk sat-Telgħa tal-Kurċifiss, Triq San Franġisk minn Triq Vilhena sal-Monument tal-Gwerra, Vjal ir-Re Dwardu VII, Il-Mall quddiem il-lukanda Le Meridien Phoenicia, id-dawra tal-funtana tat-Tritoni (il-venda tal-karozzi tal-linja), Vjal Nelson u l-Foss ta' San Ġakbu.

Vetturi misjuba b'kontravenzjoni ta' dan l-Avviż jistgħu jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

POLICE NOTICE

No. 105

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Valletta

On Friday 26th October 2007 from 9.00 p.m. to Sunday 28th October 2007 at 8.00 p.m, through Valletta's entire ring-road consisting of Triq Marsamxett, Triq San Bastjan, Triq l-Ixprun, Triq Sant' Iiermu, Triq il-Mediterran, Xatt il-Barriera and Xatt ta' Lascaris.

Floriana

On Friday 26th October 2007 from 9.00 p.m. to Sunday 28th October 2007 at 8.00 p.m through Triq l-Assedju l-Kbir, it-Telgħa tal-Kurċifiss, Triq Vilhena from Triq San Franġisk up to Telgħa tal-Kurċifiss, Triq San Franġisk from Triq Vilhena up to the War Memorial, Vjal ir-Re Dwardu VII, Il-Mall infront of Hotel Le Meridien Phoenicia, around the Tritons' fountain (the bus terminus), Vjal Nelson up to Saint James Ditch.

Vehicles found parked in contravention to this notice are liable to be towed.

19th October, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 106

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: W. Baker, R. Caruana, San Mark, G. Cassar, il-Kbira sal-Każin tal-Banda.

Nhar is-Sibt, is-27 ta' Ottubru 2007 fl-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: R. Caruana, San Ċiro, il-Lewż, il-Mina, il-Kbira, San Mark, G. Cassar, W. Baker sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 fl-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: R. Caruana, Lunzjata, Santa Marija, il-Kappillan, W. Baker, V. Dimech, Bir Miftuħ, San Pawl, San Mark, il-Kbira sal-Każin tal-Banda.

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Ottubru 2007 fis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Pjazza, Santa Marija, l-Annunzjata u R. Caruana.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta tgħarraf illi nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Ottubru, 2007 se jsir *Concours d'Elegance* f'Misraħ San Pawl fl-Imdina. Din l-attività tikkonsisti f'wirja statika ta' numru ta' vetturi antiki li se jinġiebu Malta għall-okkażjoni tal-*Gran Prix de Malte*.

Għaldaqstant ngħarrfu lir-residenti u sidien tal-ħwienet li mhux se jitħallew jipparkjaw vetturi f'Misraħ San Pawl u Misraħ l-Arċisqof dak inhar ta' l-attività mit-8.00 a.m. 'il quddiem. Barra minn hekk, minħabba li Misraħ San Pawl se jkun magħluq għat-traffiku, Triq Villegaignon se sservi bħala triq *two way* mill-10.00 a.m. sal-11.00 p.m., u għalhekk parkeġġ ta' vetturi f'parti minn din it-triq (bejn Triq Mesquita u Triq is-Salib Imqaddes), mhux se jkun permess. Il-passaġġ ta' vetturi minn Triq Villegaignon se jkun kontrollat permezz ta' żewġ *wardens*. Għall-konvenjenza tar-residenti, parkeġġ alternattiv se jkun provdut fil-*ground* tal-*football* fil-foss. Se jkun hemm *warden* sabiex jikkontrolla d-dħul fil-*ground* bejn nofsinhar u t-8.00 p.m.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

POLICE NOTICE

No. 106

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

On Friday, 26th October 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: W. Baker, R. Caruana, San Mark, G. Cassar, il-Kbira to Band Club.

On Saturday, 27th October 2007 at 10.30 a.m. through the following streets: R. Caruana, San Ċiro, il-Lewż, il-Mina, il-Kbira, San Mark, G. Cassar, W. Baker to Band Club.

On Sunday, 28th October 2007 at 10.30 a.m. through the following streets: R. Caruana, Lunzjata, Santa Marija, il-Kappillan, W. Baker, V. Dimech, Bir Miftuħ, San Pawl, San Mark, il-Kbira to Band Club.

On Sunday, 28th October 2007 at 7.00 p.m. through the following streets: Square, Santa Marija, l-Annunzjata and R. Caruana.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to be towed.

19th October, 2007

MALTA TOURISM AUTHORITY

The Malta Tourism Authority notifies that a *Concours d' Elegance* is being held on Friday, 26th October, 2007 at St Paul's Square in Mdina. This activity will consist of a static display of a number of vintage cars brought over to Malta in connection with the *Gran Prix de Malte*.

Residents and business outlet owners are notified that no parking of vehicles will be allowed in St Paul's Square and Archbishop Square from 8.00 a.m. onwards on the day of this event. Furthermore as St Paul's Square will be closed to traffic, Villegaignon Street will be turned into a two way traffic system from 10.00 a.m. till 11.00 p.m. The passage of traffic in Villegaignon Street will be controlled by two wardens. Parking will not allowed in part of Villegaignon Street, between Mesquita Street and Holy Cross Street. For the convenience of residents, alternative parking is being provided at the football pitch at the ditch. A warden will control the entry of cars in the football ground from noon till 8.00 p.m.

19th October, 2007

EUROPEAN UNION

European Defence Agency
Vacancy Notices for Temporary Agents

The European Defence Agency, has published the following vacancy notice in the "Non-Permanent Posts" section of its website http://www.eda.europa.eu/ inviting applications for the following post:

Ref: A011 – Personal Assistant to Deputy Chief Executive Temporary agent (M/F) - Grade AST 6
Closing Date: 5 November 2007.

For further information on working conditions of temporary agents see: http://europa.eu.int/comm/reform/2002/index_en.htm

The candidates must submit their applications in 1 original and 3 copies using the Agency application form and posting them in a simple A4 format envelope, to:

Ref.: EDA/A/2007/A011
Philippe Zinopoulos
Head of Human Resources of
European Defence Agency
Rue des Drapiers 17-21
B-1050 Brussels
Belgium

For further information regarding this vacancy, go to: http://www.eda.europa.eu/vacancies.aspx

Department of Resourcing,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Auberge de Castille,
Valletta - Malta

19th October, 2007

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' għalliema biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin:

Accounts (Permess ta' l-ETC Nru. 152/2007)
Applikanti għandu jkollhom B.A. (Hons.) Accountancy. (Min jintgħażel jiġi ingaġġat għas-sena akkademika 2007/2008).

Information Technology (ETC Permit No. 209/2007)
Applikanti għandu jkollhom jew *first degree* relevanti jew kwalifiki relevanti f'ta' l-anqas fil-livell 3 u minimu ta' ħames snin esperjenza relevanti fit-tagħlim jew fl-industrija.

Kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni flimkien ma' karta

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturing staff to teach the following subjects:

Accounts (ETC Permit No. 152/2007)
Applicants should have a B.A. (Hons.) Accountancy. (Successful candidates will be engaged for the academic year 2007/2008).

Information Technology (ETC Permit No. 209/2007)
Applicants should either have a relevant first degree or relevant qualifications at least at level 3 and a minimum of five years relevant teaching or industrial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed application form together with their employment history sheet

bl-istorja ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, il-31 ta' Ottubru, 2007, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Prinċipali Amministrattiv, Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Kampus Prinċipali ta' l-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, PLA 9032.

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

obtainable from the ETC, by not later than Wednesday, 31st October, 2007, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Paola, Paola PLA 9032.

Late applications will not be considered.

19th October, 2007

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina
Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli

Riżultat ta' Elezzjoni

Ngħarrfu b'dan għall-informazzjoni ta' kulħadd illi wara sejħa għal nominazzjonijiet u wara li saret votazzjoni postali biex timtela vakanza mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina bħala membru fuq il-Kumitat ta' l-Appelli, is-Sur Anthony Pizzuto (Xjenzat Mediku fil-Laboratorju) ġie elett membru tal-Kunsill ta' l-Appelli skond l-Artikolu 49 (1) (e) (iv) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa għall-perijodu ta' tliet snin mis-16 ta' Ottubru 2007.

Joseph Agius
Victor Grixti
Stephanie Vella
Nicolette Zammit Lupi

Kummissjoni ta' l-Elezzjoni
għall-Kumitat ta' l-Appelli
tal-Kunsill tal-Professjonijiet
Kumplimentari għall-Mediċina

Id-19 ta' Ottubru, 2007

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT
(CAP. 464)

Council for the Professions Complementary to Medicine
Appeals Committee (Elections) Regulations, 2004

Election Result

It is hereby notified for general information that following a call for nominations and a subsequent postal ballot held to fill one vacancy from amongst the professions regulated by the Council for the Professions Complementary to Medicine as a member of the Appeals Committee, Mr Anthony Pizzuto (Medical Laboratory Scientist) was elected as a member of the Appeals Committee in accordance with Article 49 (1) (e) (iv) of the Health Care Professions Act for a period of three years as from the 16th October 2007.

Joseph Agius
Victor Grixti
Stephanie Vella
Nicolette Zammit Lupi

Council for the Professions
Complementary to Medicine
Appeals Committee
Election Commissioners

19th October, 2007

DIPARTIMENT TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li ma ngħatawx kuntratti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru, 2007.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

CIVIL AVIATION DEPARTMENT

It is notified for general information that no contracts were awarded by the Civil Aviation Department during the period between 1st July and 30th September, 2007.

19th October, 2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI
U INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Postijiet ta' Uffiċjal Tekniku Prinċipali fit-Taqsima tas-Servizzi, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tas-Servizzi) jgħarraf illi r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-boards* ta' Project House, il-Furjana u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY FOR RESOURCES
AND INFRASTRUCTURE

Result of Vacant Posts of Principal Technical Officer at the Services Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Services Division) notifies that the result for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the notice-boards at Project House, Floriana and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

19th October, 2007

MINISTERU TAL-FINANZI

Riżultati ta' l-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' Audit Technician fid-Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjoni, Ministeru tal-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, 30, Triq Nofsinhar, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-19 ta' Ottubru, 2007

MINISTRY OF FINANCE

Results of Interview for the Engagement on Contract in the Position of Audit Technician in the Internal Audit and Investigation Directorate, Ministry of Finance

The Permanent Secretary in the Ministry of Finance notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Ministry of Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

19th October, 2007

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 307/2007. Provvista ta' servizzi ta' kura fir-Residenza San Vincenz de Paule (SVPR) - Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura tal-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Awissu 2007.

CT 334/2007. Bażi għal ftehim għall-provvista ta' diversi żebgħa u verniċi lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-25 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 321/2007. Bini ta' faċilitajiet ta' l-edukazzjoni (Fażi

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd October, 2007, for:

CT 307/2007. Provision of care working services at St Vincent de Paule Residence (SVPR) - Elderly and Community Care Department. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd August 2007.

CT 334/2007. Framework agreement for the supply of various paints and varnishes to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 25th October, 2007, for:

CT 321/2007. Construction of educational facilities

2) fl-Iskola Sekondarja l-Ġdida tas-Subien, Verdala, Bormla - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-30 ta' Ottubru, 2007, għal:

CT 322/2007. Provvista ta' pilloli *amitriptyline hydrochloride 25mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 323/2007. Provvista ta' ngwanti *latex powder free,* Qies: Kbar - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 324/2007. Provvista ta'*swan neck curl cath Missouri peritoneal catheters* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 325/2007. Provvista ta' pilloli *bosentan 62.5mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 326/2007. Provvista ta' *hepatitis C enzyme immuno assay/chemiluminescent test kits* b'tagħmir b'self - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sal-10.00a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Novembru, 2007, għal:

CT/A/7/2007. Offerta għal servizz għall-iżvilupp u l-konsenja ta' Programm ta' Taħriġ bażiku fl-ICT u Soft Skills – Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://miti.gov.mt

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropew għal Malta 2004-2006.

(*Budget* allokat: Lm33,251.91(€77,457.00) mingħajr V.A.T.).

CT/A/8/2007. Enhancement jew żviluppar ta' software li jridu l-Paying Agency biex jimplimentaw b'effett irriforma tal-Common Agricultural Policy (CAP) - Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://agric.gov.mt.

Dan huwa *Service Notice* taħt *International Open Tender Procedure*. Din hija offerta mħallsa parzjalment mit-*Transition Facility 2005*.

(*Budget* allokat: (€600,000.00) mingħajr V.A.T.).

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 339/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *aprotinin 500,000kiu* - Diviżjoni tas-Saħħa.

(Phase 2) at the New Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 30th October, 2007, for:

CT 322/2007. Supply of amitriptyline hydrochloride 25mg tablets – Health Division.

CT 323/2007. Supply of gloves latex powder free, Size: Large – Health Division.

CT 324/2007. Supply of swan neck curl cath Missouri peritoneal catheters – Health Division.

CT 325/2007. Supply of bosentan 62.5mg tablets – Health Division.

CT 326/2007. Supply of hepatatis C enzyme immuno assay/chemiluminescent test kits with equipment on loan – Health Division.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th November, 2007, for:

CT/A/7/2007. Service tender for the development and delivery of a foundation ICT and Soft Skills Training Programme – Ministry for Investment, Industry and Information Technology. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://miti.gov.mt

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated budget: Lm33,251.91(€77,457.00) excluding V.A.T.).

CT/A/8/2007. Enhancement or development of software required by the Paying Agency to implement the Common Agricultural Policy (CAP) reform effectively - Ministry for Rural Affairs and the Environment. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.agric.gov.mt.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the Transition Facility 2005.

(Estimated budget (€600,000.00) excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th November, 2007, for:

CT 339/2007. Supply of aprotinin 500,000kiu injections – Health Division.

CT 340/2007. Provvista ta' *straight externally supported PTFE* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 341/2007. Provvista ta' *100% silicone Foley catheters* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 342/2007. Provvista ta' *syringes disposable 10cc* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 279/2007. Bini ta' *bunkers* u provvista ta' *linear accelerators* għad-Dipartiment il-ġdid tar-*Radio Therapy* – Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.87) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-2 ta' Awissu 2007.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-13 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 327/2007. Kuntratt perjodiku biex jitfarrak u jiġi *graded* materjal tal-kostruzzjoni u twaqqigħ fil-Kumpless għall-Immaniġġar ta' l-Iskart fil-Magħtab - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-14 ta' Settembru 2007.

CT 362/2007. Ftehim bażiku għall-provvista ta' *bottled oxygen* u *acetylene* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 308/2007. Provvista ta' *chemistry reagents* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Awissu 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-20 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 328/2007. Provvista u tqegħid ta' materjal ta' pavimentar fi Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

CT 329/2007. Provvista ta' *irinotecan hydrochloride vials* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-17 ta' Settembru 2007.

CT 330/2007. Provvista ta' *tobacco excise tax stamps* – Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' Lm100 (€232.94) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 340/2007. Supply of straight externally supported PTFE – Health Division.

CT 341/2007. Supply of 100% silicone Foley catheters – Health Division.

CT 342/2007. Supply of syringes disposable 10cc – Health Division.

CT 279/2007. Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new Radio Therapy Department – Health Division. A fee of Lm200 (€465.87) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 2nd August, 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 13th November, 2007, for:

CT 327/2007. Period contract for the crushing and grading of construction and demolition material at the Magħtab Waste Management Complex - WasteServ Malta Ltd. A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th September 2007.

CT 362/2007. Framework agreement for the supply of bottled oxygen and acetylene to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 308/2007. Supply of chemistry reagents with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd August 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 20th November, 2007, for:

CT 328/2007. Supply, delivery and laying of paving materials at Triq is-Sajjieda, Marsaxlokk – Works Division. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 329/2007. Supply of irinotecan hydrochloride vials – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 17th September 2007.

CT 330/2007. Supply of tobacco excise tax stamps – Department of Customs. A fee of Lm100 (€232.94) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 331/2007. Provvista ta' tiġieġ tat-tip *broiler* (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 332/2007. Provvista ta' ħobż (Malta) – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Settembru 2007.

CT 333/2007. Provvista ta' *column agglutination blood group serology system* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-19 ta' Settembru 2007.

CT 335/2007. Provvista ta' *nitrous oxide* – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 336/2007. Provvista ta' taħlita ta' gassijiet *oxygen* u *nitrous oxide* 50/50 – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Settembru 2007.

CT 337/2007. Provvista ta' *enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits* b'tagħmir b'self – Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Novembru, 2007, għal:

CT 338/2007. Bażi għal ftehim għall-provvista ta' *mild steel bars, angles, plates and hollow sections* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-25 ta' Settembru 2007.

CT 353/2007. Provvista ta' *enteral feeding sets with bags* għal użu ma' l-*enteral feeding pumps* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 354/2007. Provvista ta' injezzjonijiet *heparin sodium 25,000iu in 5ml vials* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 355/2007. Provvista ta' *injectable lenses* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 356/2007. Provvista ta' *protein powder* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 357/2007. Provvista ta' pilloli *calcium carbonate 500mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 358/2007. Provvista ta' *trisodium citrate catheter lock* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 331/2007. Supply of broiler chickens (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th September 2007.

CT 332/2007. Supply of bread (Malta) – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched of the 18th September 2007.

CT 333/2007. Supply of column agglutination blood group serology system – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 19th September 2007.

CT 335/2007. Supply of nitrous oxide – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 336/2007. Supply of oxygen and nitrous oxide 50/50 gas mixture – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th September 2007.

CT 337/2007. Supply of enzyme immuno assay/ chemiluminescent test kits with equipment on loan – Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd November, 2007, for:

CT 338/2007. Framework agreement for the supply of mild steel bars, angles, plates and hollow sections to the Procurement Section of the Contracts Department.

The EU Contract Notice was dispatched on 25th September 2007.

CT 353/2007. Supply of enteral feeding sets with bags for use with enteral feeding pumps - Health Division.

CT 354/2007. Supply of heparin sodium 25,000iu injections in 5ml vials - Health Division.

CT 355/2007. Supply of injectable lenses - Health Division.

CT 356/2007. Supply of protein powder - Health Division.

CT 357/2007. Supply of calcium carbonate 500mg tablets - Health Division.

CT 358/2007. Supply of trisodium citrate catheter lock - Health Division.

CT 359/2007. Provvista ta' *laryngeal masks,* Qies: 5 - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 360/2007. Provvista ta' kapsoli *fenofibrate high dose* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 361/2007. Provvista ta' pilloli *amlodipine* 100mg - Diviżjoni tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Novembru, 2007, għal:

